MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 291/2009

**Frank Borda Limited (C446)**
**Vs**
**Emanuel Mangion (ID369259M) u**
**Tessie Mangion (ID2713A) in solidum bejniethom**

**It-Tribunal**,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, erbgha mija u tmien ewro u disgha u ghoxrin ewro centezmu (€1408.29) rapprezentanti import ta' hdax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa, dokumenti annessi mat-talba.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, nkluzi kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqaw ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u l-anqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it- Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta' Settembru, 2009 mill-Avukat Claudine Zarb u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------